MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 2396/2003

**Untours Insurance Agents Limited (C 5655) ghal Qatar Insurance Company surrogati fid-drittijiet ta' Joseph Bajada u l-istess Joseph Bajada (ID 429852M)**

**Vs**

**James Anthony Cefai**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' Lm318.01c (tlett mija u tmintax-il lira Maltin u centezmu) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi wara ncident stradali li sehh f'Santa Venera fit-18 t'Awissu, 2003 bejn Opel numru NOV 007 misjuqa mill-konvenut u Skoda numru KAH 778 misjuqa mill-attur.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm318.01c (tlett mija u tmintax-il lira Maltin u centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------